**28 ta' Ġunju, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Dr. Louis Bianchi *noe*

*versus*

Alfred Agius

**Ċitazzjoni - Kopja - Firma ta' Avukat - Nullità**

*Kull meta, fl-artikoli 154 sa 156A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tissemma l-kelma "ċitazzjoni", din qed tirreferi għall-original ta' l-att ta' ċitazzjoni, jiġifieri dik l-iskrittura magħmula skond il-forma stabbilita kif jitlob l-artikolu 155 ta' l-imsemmi Kodiċi.*

*Għalhekk, sakemm dan l-att ikun iffirmat minn Avukat skond il-liġi, ma hemm l-ebda nullità jekk il-kopja notifikata lill-konvenut ma tkunx hekk iffirmata.*

Il-Qorti:- Rat l-att ta' ċitazzjoni illi bih l-attur, fil-kwalità tiegħu premessa, wara illi ppremetta illi fit-3 ta' Novembru 1989 għall-ħabta tas-2 *a.m.* fil-limiti tal-Hamrun waqt li l-konvenut Alfred Agius kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni C-1075 minħabba traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u b'hekk tela' fuq il-bankina u ħabat fil-vetrina u mal-ħanut magħruf bħala *Touring Mediterraneo* proprjetà tas-soċjetà *Touring Mediterraneo Limited,* rappreżentata minn Alex Eminyan, u b'hekk ikkaġuna ħsarat kbar f'dan l-istess ħanut

u vetrina; *illi meta ġara dan l-inċident il-ħanut proprjetà ta' Alex* Eminyan *nomine* kien assikurat mas-soċjetà assikuratriċi attriċi, u peress illi l-istess Alex Eminyan għamel *claim* mas-soċjetà attriċi assikuratriċi, il-kontijiet tat-tiswija tal-ħsarat tal-ħanut u l-vetrina kif ukoll id-danni inkorsi minn Alex Eminyan *nomine* ġew imħallsin mis-soċjetà assikuratriċi u dana fl-ammont ta' Lm556.25; illi l-konvenut ma aċċettax li jħallas id-danni sofferti mill-attur *nomine* b'konsegwenza ta' dan l-inċident, li għaliħ huwa kien unikament responsabbli u dana minkejja li huwa ġie interpellat, kellha ssir din il-kawża; talab għar-raġunijiet premessi u mogħti kull provvediment opportun għaliex m'għandiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fit-3 ta' Novembru 1989 fil-Ħamrun meta l-istess konvenut tela' l-bankina bil-vettura misjuqa minnu u baqa' dieħel fil-vetrina u l-ħanut *Touring Mediterraneo;*

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* bħala konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' Lm556.25 jew somma oħra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur *nomine,* in *linea* ta' danni, dik is-somma illi tiġi hekk likwidata minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra legali datata 2 ta' Awwissu, 1990 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet tan-notifika ta' din l-istess ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda ta' l-attur *nomine;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut illi biha eċċepixxa:

1. Fl-ewwel lok in-nullità taċ-ċitazzjoni preżentata fis-26 ta' Settembru, 1990 peress illi l-kopja li rċieva, li hija kopja fotostatika, ma ġietx iffirmata minn Avukat imma biss minn Prokuratur Legali, u ma teżisti l-ebda firma;

2. Fit-tieni lok illi mhux veru dak li hemm allegat mill-attur illi l-inċident ġara minħabba traskuraġni jew imperizja da parti ta' l-istess konvenut;

3. Fit-tielet lok id-danni allegati huma esaġerati;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokument eżebit;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjonijiet tan-nullità ta' l-att ta' ċitazzjoni:

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut qed jissottometti illi l-att ta' ċitazzjoni odjern huwa null "......peress illi l-kopja li rċieva, li hija kopja fotostatika, ma ġietx iffirmata minn Avukat imma biss minn Prokuratur Legali";

Illi mill-mod kif hija formulata din l-eċċezzjoni jidher illi

l-konvenut wasal għall-konklużjoni illi l-att ta' ċitazzjoni in eżami huwa null għaliex il-kopja ta' l-istess att illi ġiet notifikata lilu mhiex iffirmata minn Avukat;

Illi l-konvenut, permezz ta' nota ppreżentata waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 1991 eżebixxa l-kopja ta' ċitazzjoni illi ġiet notifikata lilu;

Illi huwa veru illi din il-kopja taċ-ċitazzjoni illi ġiet notifikata lill-konvenut ma fihiex firma ta' Avukat;

Illi *però,* il-validità *o meno* ta' l-att ta' ċitazzjoni in eżami ma tiddependix minn x'fiha l-kopja ta' l-istess att illi ġiet notifikata lill-konvenut;

Illi għandu jingħad f'dan ir-rigward illi dak illi kull meta fl-artikoli 154 sa 156A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tissemma l-kelma "ċitazzjoni", din qed tirreferi għall-oriġinali ta' l-att ta' ċitazzjoni, jiġifieri dik l-iskrittura magħmula skond il-formula stabbilita, kif jitlob l-artikolu 155 ta' l-imsemmi Kodiċi u illi fuqha jkun hemm l-ordni tal-Qorti msemmi fl-artikolu 154 ta' l-istess Kodiċi. Dan joħroġ aktar ċar meta jiġi kkunsidrat illi l-artikolu 157 tal-Kodiċi ċitat jiddisponi hekk:

"Tkun ir-responsabilità ta' l-attur li jieħu ħsieb li, permezz tar-reġistratur, **kopja** taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni tiġi notifikata lill-konvenut" (sottolinejar tal-Qorti);

Illi, dan premess, m'hemmx dubju illi l-att ta' ċitazzjoni odjern huwa dak illi hemm a fol. 1 u 2 tal-proċess;

Illi dan l-att, intavolat quddiem din il-Qorti, huwa ffirmat minn Avukat u minn Prokuratur Legali kif jirrikjedi l-artikolu 178 tal-Kodiċi ċitat;

Illi, għalhekk, iċ-ċitazzjoni in eżami mhiex nulla kif qed jippretendi l-konvenut bl-eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Illi, a skans ta' ekwivoċi, qed jiġi rilevat illi l-kopja ta' l-att ta' ċitazzjoni notifikata lill-konvenut, u eżebita kif ingħad hawn fuq, ma tistax tiġi kunsidrata fl-interità tagħha bħala kopja fotostatika taċ-ċitazzjoni a fol. 1 u 2 tal-proċess. Infatti huwa evidenti illi fuq l-imsemmija kopja hemm il-firem tal-Prokuratur Legali u ta' "A. J. Portelli" u n-numru u ittri "866 / 90 AD" illi m'humiex fotokopjati;

Ikkunsidrat:

Illi bl-eċċezzjoni tiegħu in eżami l-konvenut mhux qed jissoleva n-nullità tan-notifika tiegħu bl-att ta' ċitazzjoni, u għalhekk, il-Qorti ma hija sejra tgħid xejn fir-rigward ħlief illi tirrileva illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fl-erbatax (14) ta' Diċembru, 1990, il-konvenut reġa' ġie notifikat biċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nullità taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut.